

Brussell, 11 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13069/26

AGRI 661
DELECT 147
AGRIORG 100
AGRILEG 209
FOOD 120
CODEC 1651

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6140 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.9.2026 li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE fir-rigward tal-għajjuniet għall-ipproċessar għall-fermentazzjoni tal-ħmira

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 6140 final.

Mehmuż: C(2026) 6140 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026
C(2026) 6140 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.9.2026

**li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE fir-rigward tal-għajnuniet għall-
ipproċessar għall-fermentazzjoni tal-ħmira**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti ddefiniti fl-Anness I tagħha jekk jikkonformaw mad-definizzjonijiet u mar-regoli stabbiliti f'dik id-Direttiva.

Id-Direttiva (UE) 2024/1438 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emendat id-Direttiva 2001/112/KE u introduċiet kategoriji ta' prodotti ġodda, jiġifieri l-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas. Dawk il-prodotti jridu jinkisbu minn meraq tal-frott fejn l-ammont ta' zokkor naturali jkun tnaqqas b'mill-inqas 30 % filwaqt li jinżammu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrizzjonali essenzjali l-oħra kollha ta' tip medju ta' meraq tal-frott li jiġi minnu.

L-introduzzjoni ta' dawn il-kategoriji ta' prodotti ġodda kienet konformi mal-oġġettiv tal-“Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt” tar-riformulazzjoni tal-prodotti pproċessati, b'mod partikolari t-tnaqqis tal-kwantità ta' zokkor liberu fil-prodotti tal-ikel u l-għajnuna lill-konsumaturi biex jaqilbu għal dieti aktar tajbin għas-saħħa.

Il-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas irid jiġi prodott bl-użu ta' proċess teknoloġiku awtorizzat fid-Direttiva 2001/112/KE. Wieħed mill-proċessi awtorizzati huwa l-fermentazzjoni tal-ħmira, teknika li tintuża l-aktar fl-ipproċessar tal-ikel li, meta tiġi applikata fil-meraq tal-frott, tnaqqas iz-zokkor naturali.

Sar progress tekniku importanti fl-applikazzjoni tal-fermentazzjoni tal-ħmira bl-użu ta' ċerti għajnuniet għall-ipproċessar. L-użu ta' ċerti għajnuniet għall-ipproċessar itejjeb b'mod konsiderevoli l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-fermentazzjoni tal-ħmira u, b'riżultat ta' dan, il-kwalità tal-prodott finali. Għalhekk, dawn l-għajnuniet għall-ipproċessar għandhom jiġu inklużi fid-Direttiva biex il-manifatturi jkun jistgħu jużaw l-opportunità offruta mill-progress tekniku u biex il-konsumaturi jkun jistgħu jgawdu minn prodotti ta' kwalità tajba.

Il-funzjonijiet tal-għajnuniet għall-ipproċessar li jridu jintużaw fil-fermentazzjoni tal-ħmira huma r-riidratazzjoni tal-ħmira u n-nutrizzjoni tal-ħmira. Dawk is-sustanzi huma ċ-ċitrat tas-sodju, il-fosfat tad-diammonju, l-awtolizat tal-ħmira u l-kloridrat tat-tijamina.

L-Artikolu 7 tad-Direttiva jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex l-Annessi tad-Direttiva jinġiebu f'konformità mal-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti u biex jitqies il-progress teknoloġiku.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Saru diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, is-sottogrupp tal-Prodotti Ortikulturali, li kienu jinvolvu esperti mis-27 Stat Membri kollha. L-abbozz tal-att delegat ġie ppreżentat mill-Kummissjoni u diskuss mill-esperti fil-laqgħa li saret fit-30 ta' Marzu 2026. L-esperti tal-Parlament Ewropew setgħu jipparteċipaw bħala osservaturi f'dawn il-laqgħat.

Id-diskussjonijiet involvew ukoll esperti mis-27 Stat Membru fil-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti Governattivi dwar l-Addittivi. L-għajnuniet għall-ipproċessar ġew diskussi mal-esperti fil-laqgħa tas-26 ta' Jannar 2026 u tad-19 ta' Marzu 2026. L-esperti kellhom ukoll l-opportunità li jissottomettu kummenti bil-miktub.

Il-konsultazzjoni pubblika ġenerali għall-feedback twettqet permezz tal-portal “Semma’ leħnek”, fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea. L-inizjattiva tħabbret fl-20 ta’ Frar 2026, u l-abbozz tar-Regolament Delegat ġie ppubblikat mit-28 ta’ April 2026 sas-26 ta’ Mejju 2026. Wasal feedback mingħand disa’ partijiet ikkonċernati, inklużi assoċjazzjonijiet u kumpaniji li jaħdmu fis-settur, kif ukoll ċittadini. Il-partijiet ikkonċernati esprimew il-fehmiet tagħhom dwar jekk is-sustanzi li għandhom jintużaw fil-fermentazzjoni tal-ħmira biex jiġi prodott meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas għandhomx jitqiesu bħala addittivi jew bħala għajnuniet għall-ipproċessar. Il-kontribuzzjonijiet indikaw ukoll li għajnuniet għall-ipproċessar oħra li ma jkunux l-awtolizati tal-ħmira jistgħu jintużaw għan-nutrizzjoni tal-ħmira, anki jekk ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza tal-użu attwali tagħhom fil-meraq tal-frott. Il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni ma kinitx biżżejjed f’dan l-istadju biex tintroduċi bidliet fir-Regolament Delegat. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati qajmu kwistjonijiet lil hinn mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-konsultazzjoni, b’mod partikolari l-użu ta’ mikroorganiżmi oħra għall-fermentazzjoni u l-inklużjoni ta’ proċessi enzimatiċi fil-produzzjoni tal-meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas. Dawn l-għażliet jistgħu jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta’ emendi futuri, soġġetti għat-tressiq ta’ evidenza ta’ sostenn suffiċjenti. Is-sħab tad-WTO ġew innotifikati.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2001/112/KE.

Dan l-att delegat jemenda l-Parti II, il-punt 3, tal-Anness I tad-Direttiva 2001/112/KE, filwaqt li jispeċifika liema għajnuniet għall-ipproċessar jistgħu jintużaw u f’liema kwantitajiet fil-proċess ta’ fermentazzjoni tal-ħmira biex jiġi prodott meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.9.2026

li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE fir-rigward tal-għajnuniet għall-ipproċessar għall-fermentazzjoni tal-ħmira

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2024/1438 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² emendat id-Direttiva 2001/112/KE billi introduċiet kategoriji ta' prodotti ġodda li fihom tnaqqas il-kontenut ta' zokkor naturali filwaqt li nżammu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrizzjonali essenzjali l-oħra tat-tip medju tal-meraq mill-frott li minnu jinkiseb, jiġifieri “meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas”, “meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat” u “meraq tal-frott ikkonċentrat b'zokkor imnaqqas”.
- (2) L-Anness I, il-Parti II, il-punt 3, tad-Direttiva 2001/112/KE jirregola t-trattamenti awtorizzati li jistgħu jiġu applikati u s-sustanzi li jistgħu jiżiedu mal-prodotti definiti fil-Parti I ta' dak l-Anness. Id-Direttiva (UE) 2024/1438 emendat dik id-dispożizzjoni, biex tistabbilixxi l-proċessi awtorizzati biex jitnaqqas l-ammont ta' zokkor naturali, jiġifieri l-filtrazzjoni b'membrana u l-fermentazzjoni tal-ħmira.
- (3) Il-progress tekniku fl-użu ta' ċerti għajnuniet għall-ipproċessar wassal għal titjib sostanzjali fl-applikazzjoni tal-proċess ta' fermentazzjoni tal-ħmira u fil-kwalità tal-prodotti finali miksuba. Dawk l-għajnuniet għall-ipproċessar urew li huma utli għall-finijiet teknoloġiċi tar-riidratazzjoni tal-ħmira u tan-nutrizzjoni tal-ħmira matul il-proċess ta' fermentazzjoni tal-ħmira użat biex jitnaqqas il-kontenut ta' zokkor naturali fil-meraq tal-frott.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-proċess awtorizzat tal-fermentazzjoni tal-ħmira u biex jiġu ffaċilitati l-innovazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tal-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas prodott bl-użu ta' dak il-proċess, jenħtieġ li jiġi awtorizzat l-użu ta' dawk l-għajnuniet għall-ipproċessar. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li, minbarra l-kontenut taz-zokkor, il-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas iżomm il-

¹ OJ L 10, 12.1.2002, p. 58, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/112/oj>.

² Id-Direttiva (UE) 2024/1438 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem (ĠU L, 2024/1438, 24.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1438/oj>).

karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrizzjonali essenzjali l-oħra ta' tip medju ta' meraq mill-frott li minnu jinkiseb, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet massimi tal-ġajjuniet għall-ipproċessar awtorizzati.

- (5) Għalhekk, sabiex jitqies dan il-progress tekniku, jenħtieġ li l-Anness I, il-Parti II, il-punt 3, tad-Direttiva 2001/112/KE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I, il-Parti II, il-punt 3, tad-Direttiva 2001/112/KE, jiżdied l-inċiż li ġej:

“— Għall-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas, għall-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat u għall-meraq tal-frott ikkonċentrat b'zokkor imnaqqas prodotti bl-użu tal-proċess ta' fermentazzjoni tal-ħmira biss: jistgħu jintużaw l-ġajjuniet għall-ipproċessar li ġejjin għall-finijiet teknoloġiċi u sal-kwantitajiet massimi indikati fit-tabella:

Fini teknoloġika	Għajnuna għall-ipproċessar	Kwantitajiet massimi
Riidratazzjoni	ċitrat tas-sodju	20 ppm
Nutrizzjoni	fosfat tad-diammonju (DAP)	1 000 ppm
	awtolizāt tal-ħmira	<i>Quantum satis</i>
	kloridrat tat-tijamina	0,6 ppm

”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.9.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
 Ursula VON DER LEYEN